**STQARRIJA MINISTERJALI TAL-PRIM MINISTRU L-ONOR. ROBERT ABELA DWAR IR-RIKONOXXIMENT TAL-PALESTINA BĦALA STAT**

**ONOR. ROBERT ABELA:** Sur President, ilbieraħ, id-29 ta' Lulju, jien ħabbart id-deċiżjoni tal-Gvern ta' Malta li pajjiżna se jirrikonoxxi l-Istat tal-Palestina f'Settembru li ġej; proprju qabel tibda t-80 edizzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Magħquda. (Onor. Membri: Hear, hear)

Dan ġie mħabbar ukoll ilbieraħ mis-Segretarju Permanenti tal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u t-Turiżmu, is-Sur Christopher Cutajar, li huwa responsabbli wkoll għat-turiżmu, li huwa l-mibgħut tal-Gvern fil-Konferenza ta' Livell Għoli fuq is-Soluzzjoni taż-Żewġ Stati bejn l-Iżrael u l-Palestina tal-istess Nazzjonijiet Magħquda, liema konferenza qed tkun ippreseduta minn Franza u r-Renju tal-Arabja Sawdija.

Il-Gvern qed iħabbar din id-deċizjoni issa, għaliex iddetermina li dan huwa l-mument opportun biex ikollu l-akbar effett possibbli favur il-mixja lejn is-Soluzzjoni taż-Żewġ Stati. Ingħaqadna ma' grupp ta' Stati oħrajn li ħabbru l-intenzjoni tagħhom li jirrikonoxxu l-Istat tal-Palestina f'Settembru li ġej  fosthom Franza u r-Renju Unit.

Jien tlabt lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Affarijiet Barranin u t-Turiżmu Ian Borg biex isegwi l-proċess formali kemm mil-lat istituzzjonali, fi ħdan il-Gvern Malti, u

anke skont il-prattiċi diplomatiċi. Dan bit-tir li kollox ikun imħejji qabel ma nħabbar din id-deċiżjoni b'mod uffiċjali f'Settembru li ġej, fil-kwartieri tan-Nazzjonijiet Magħquda.

Id-dinja kollha tinsab ixxukkjata dwar is-sitwazzjoni umanitarja f'Gaża, fejn qed naraw l-imwiet ta' eluf ta' Palestinjani kawża tal-ġuħ u t-tbatijiet imposti fuqhom. Is-sitwazzjoni f'Gaża ma tistax titħalla tippersisti. Nittama li dan l-isforz kollettiv mill-komunità internazzjonali, li Malta tifforma parti minnu, iwassal għall-waqfien mill-ġlied bil-għan li tinbena l-paċi għall-ġid taż-żewġ popli, imsejsa fuq is-sigurtà u l-prosperità. Il-paċi tista' tkun milħuqa biss jekk jinħolqu ċ-ċirkostanzi biex jinbdew in-negozjati bejn l-Awtoritajiet Palestinjani u l-Gvern ta' Iżrael.

Bħala Stat Membru tan-Nazzjonijiet Magħquda nemmnu bis-sħiħ li l-ebda bniedem m'għandu jitħalla jgħix fil-biża', fil-ġuħ jew fil-għaks. Se nkomplu nisħqu sabiex l-ostaġġi - vittmi tal-attakki brutali li seħħew fis-7 ta' Ottubru 2023 – jinħelsu kollha; li l-għajnuna umanitarja tidħol bla xkiel f'Gaża; u li jinħolqu l-kondizzjonijiet meħtieġa biex tiġi stabbilita l-paċi.

U aħna mhux qed nisħqu bil-kliem biss. Aġixxejna bil-fatti u tajna eżempju ċar. (Onor. Membri: Hear, hear)

Aħna konna dak il-pajjiż li lqajna tfal u familji li sofrew l-atroċitajiet ta' din il-gwerra u pprovdejnielhom mhux biss saqaf fuq rashom iżda l-aqwa kura medika possibbli. Jien iltqajt magħhom ftit tal-ġimgħat ilu, u tara quddiemek tfal daqstant żgħar li madankollu

l-innoċenza li suppost ikollhom f'dak iż-żmien lanqas biss teżisti. Tħares f'għajnejhom u dik it-tbatija taraha tħares lura lejk. Dan għaliex daqu l-agħar ta' din il-gwerra. It-telf tal-ġenituri u parti kbira mill-familja tagħhom, sofrew fiżikament; min bla idejn, min bla saqajn. Ħdejja hawn l-Onor. Jo Etienne Abela li kien miegħi dakinhar u jaf it-tbatijiet fiżiċi u psikoloġiċi li rajna. Kif tridek tibqa' tifel jew tifla innoċenti anke ta' età żgħira meta tkun missejt ma' dawk it-tbatijiet u l-atroċitajiet kollha.

Iltqajna u tkellimna wkoll, numru ta' xhur qabel,  mal-familji ta' qraba li huma sal-lum miżmuma ostaġġi mill-Ħamas. Ilqajthom fl-uffiċċju tiegħi wkoll u kellna udjenza li damet sew flimkien mal-Ambaxxatur ta' Iżrael. Hemmhekk verament tifhem il-kontest ta' dak kollu li għaddej fil-Lvant Nofsani u fl-aħħar mill-aħħar tfassal id-direzzjoni politika li l-pajjiż għandu jieħu, kif qed nagħmlu proprju llum.

Ninsab ferm sodisfatt, li kif kelli l-okkażjoni nistqarr qabel, se  jkun Gvern immexxi minni, li jieħu dan il-pass siewi li jirrikonoxxi l-Istat tal-Palestina, bil-għan li anke f'din il-kwistjoni Malta tkompli tagħti kontribut għaqli lejn il-paċi u d-djalogu fil-Lvant Nofsani. (Onor. Membri: Hear, hear) Nirringrazzjak.